

Brussell, 6 ta' Frar 2026  
(OR. en)

5482/26

---

**Fajls Interistituzzjonali:**  
**2025/0386 (NLE)**  
**2025/0387 (NLE)**

---

**RECH 23**  
**MED 7**  
**AGRI 34**  
**MIGR 22**  
**RELEX 72**

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	16911/25 + ADD 1; 16914/25 + ADD 1
Suġġett:	<p>DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim, fil-forma ta' Skambju ta' Ittri, bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jemenda u jissupplimenta l-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk, li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Renju tal-Marokk fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA)</p> <p>- Adozzjoni</p> <p>DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-ftehim, fil-forma ta' Skambju ta' Ittri, bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jemenda u jissupplimenta l-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk, li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Renju tal-Marokk fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA)</p> <p>- Qbil fil-prinċipju</p> <p>- Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew</p>

---

1. Fis-16 ta' Diċembru 2025, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill iż-żewġ proposti msemmija hawn fuq<sup>1</sup>. Il-proposti għandhom l-għan li jiffirmaw u jikkonkludu Ftehim, fil-forma ta' Skambju ta' Ittri, bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jemenda u jissupplimenta l-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk, li jistabilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Renju tal-Marokk fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA).
2. It-test tal-Ftehim ġie inizjalat fit-8 ta' Settembru 2025, wara l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill lill-Kummissjoni fid-9 ta' Novembru 2023 biex tiftaħ negozjati mar-Renju tal-Marokk.
3. Fit-8 ta' Jannar 2026, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposti lill-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka.
4. Il-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka qabel dwar il-proposti wara konsultazzjoni bil-miktub li ntemmet fl-16 ta' Jannar 2026.
5. Fid-dawl ta' dan kollu, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill, fil-parti "A" tal-aġenda ta' waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss:
  - a) jadotta d-deċiżjoni tal-Kunsill li tapprova l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja ta' dan il-Ftehim, fil-forma ta' Skambju ta' Ittri, kif riveduta mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dokument ST 5468/26 għad-Deċiżjoni tal-Kunsill u fid-dokument ST 5481/26 għall-Ftehim.
  - b) jiddeċiedi li jaqbel fil-prinċipju dwar id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni u l-Ftehim, fil-forma ta' Skambju ta' Ittri, kif riveduti mill-ġuristi lingwisti u kif jinsab fid-dokument ST 5480/26 għad-Deċiżjoni tal-Kunsill u kif jinsab fid-dokument ST 5481/26 għall-Ftehim, u li jibgħat id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni kif ukoll il-Ftehim lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu.

---

<sup>1</sup> 16911/25 + ADD 1 u 16914/25 + ADD 1

6. Id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill ser jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali f'konformità mal-Artikolu 17(2)(b) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill.
-